MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Numru 1020/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

Vs.

Nazzareno Zarb

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 375571(M) akkuzat talli:

1. fit-13 ta’ Dicembru 2003, u fi zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ircieva minn xi hadd iehor jew kiseb minn ghand xi hadd iehor xi weghda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b’korrispottiv ghal xi self, imghaxijiet, jew

xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi;

2. fl-istess cirkustanzi minghajr licenzja moghtija bill-Awtorita kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioé sellef flus bl-imghax;

3. fl-istess cirkustanzi kiser jew naqas it-thares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' 1994, jew xjentament kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghenu jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII ta' l-1994 dwar l-istituzzjonijiet Finanzjarji;

4. fl-istess cirkustanzi, ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' Maria Fatima Mifsud;

5. fl-istess cirkustanzi hedded lil Maria Fatima Mifsud;

6. sar recidiv ghat-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 wara li gie kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai fini tal-Kap 376.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi jitrattaw is-segwenti
(a) l-uzura –Artikolu 298C Kap 9
(b) is-self minghajr awtorizazzjoni – Artikolu 5 Kap 376
(c) l-isfruttament tal-prostituzzjoni – Artikolu 10 Kap 63
(d) l-offiza kontravenzjonali tat-theddid – Artikolu 339 (e) Kap 9
(e) r-recidiva – Artikolu 49, 50 Kap 9

Illi trattati l-akkuzi fil-kronologija ta' hawn fuq il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid:

Li fir-rigward l-uzura: huwa stabbilit li l-akkuzat, f'xi zmien fis-sena 2003 u oltre, kien kera lill-kwerelanta u bintha appartament f'Triq Testaferrata, il-Gzira, versu l-kera ta' Lm 20 kull jum in kwantu Lm10 pagabbli mill-omm u Lm10 pagabbli minn bintha. L-imputat li ghazel li jixhed, jammetti li lill-kwerelanta, l-omm, kien ghamlilha self ta' Lm100 u dana f'xi zmien meta hi kienet ghada fil-kirja u qabel ma hu dahal il-habs jiskonta sentenza. In propositu l-imputat isemmi fix-xhieda tieghu li fil-bidu ta' din is-sena korrenti huwa irceva s-somma ta' tlett elef lira sija mill-kwerelanta, l-omm, u sija minn bintha. Jghid izda li dan l-ammont kien lilu dovut bhala arretrati ta' kera ghall-perjodu li fih kien qieghed jiskonta perjodu ta' prigunerija. Kemm il-kwerelanta, l-omm, u kemm bintha jghidu li dan il-perjodu kien ta' cirka disa' xhur u t-tnejn jaffermaw li tul dan il-perjodu kera qatt ma halsu. Voldiri, li, ghal anqas fl-apparenza, kien gustifikat l-imputat li jippretendi l-pagament ta' din il-kera, immaterjali jekk kinitx legalment dovuta minhabba f'nuqqas ta' kawza lecita. U sa hawnhekk u sakemm thalsu bhala arretrati ta' kera il-Qorti ma tarax li kien hemm xi element ta' uzura. U tirribadixxi l-fehma taghha fuq dak li xehdet il-kwerelanta, jigifieri l-omm, meta hadet il-pedana tax-xhieda fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2009. Mill-assiem tal-provi jippermani d-dubbju f'din il-Qorti kemm li l-imputat irceva, kemm li kiseb mill-kwerelanta l-weghda in konnessjoni ma korrispettiv ghal xi self mhux permess mil-ligi.

Dwar l-akkuza tal-isfruttament tal-prostituzzjoni l-Artikolu 10 tac-citat Kap 63 jipprovdi ghall-piena ghal kiri ta' dar jew fond meta jigi pruvat li s-sid kera jew ippermetta l-uzu ghall-skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali. Fil-kaz in disamina c-cirkostanzi juru li l-imputat kien jaf l-iskop tal-kirja. Kien indubbjament jaf li l-kwerelanta kienet prostituta u gieli mar hu personalment ghal pagament gewwa l-Marsa fejn il-kwerelanta kienet tkun kuljum.

Dwar ir-reat prospettat ghab-bazi tal-Att XXII/1994 (Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji) l-prova li l-prosekuzzjoni kienet tenuta taghmel kienet dik li l-imputat abbitwalment kien isellef il-flus. Fic-cirkostanzi tal-kaz dan ma jirrizultax. Li jirrizulta fic-cert hu biss li l-imputat silef lill-kwerelanta l-ammont ta' Lm100. Dan certament ma jwassalx ghall-prova li l-imputat kien silef 'abbittwalment'. Jigi kjarit ghar-rimozzjoni ta' kull ekwivoku illi mhux importanti n-numru ta' persuni li jsellfu, tista' tkun anka persuna wahda, dment li s-self jkun ta' certa frekwenza u jsir minghajr l-licenzja rikjesta.

Illi mill-bqija jirrizultaw kemm l-offiza kontravenzjonali tat-theddid u r-recidiva.

Inghad dan, ghalhekk, qeghda l-Qorti ssib l-imputat hati tar-raba', il-hames u s-sitt akkuzi. Rat fir-rigward l-Artikolu 49, 50, 339(e) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 10 tal-Kap 63 u tiddeciedi li tikkundanna l-imputat piena komplessiva ta' tliet xhur prigunerija bit-tnaqqis ta' kull terminu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------